

il-Belġju-Brussell: L-immudellar ta' politiki nazzjonali għat-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass tas-serra u r-relazzjoni ma' metodi ta' emissjonijiet baxxi globali

OJ S 79/2017 22/04/2017

Avviż ta' kuntratt ta' servizz

Servizzi

1. Ir-referenza tal-pubblikazzjoni:

EuropeAid/138749/DH/SER/Multi.

2. Il-proċedura:

Ristretta.

3. It-titlu tal-programm:

It-tmexxija tal-klima.

4. L-iffinanzjar:

21.020701 L-immudellar ta' emissjonijiet tal-gass tas-serra minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

5. L-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt:

L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, għall-pajjiżi msieħba u f'isimhom, Brussels, IL-BELĠJU.

L-ispeċifikazzjoni tal-kuntratt

6. It-tip ta' kuntratt:

Prezz globali.

7. It-tifsira tal-kuntratt:

Il-proġett se jiffoka fuq: i) it-titjib tal-kwalità tal-għodod ta' mmudellar żviluppati minn timijiet ta' mmudellar nazzjonali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw rigward it-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gass tas-serra; kif ukoll ii) it-titjib b'mod ġenerali tal-għarfien ta' kif azzjoni fl-ekonomiji li jirrappreżentaw sehem kbir tal-emissjonijiet globali, bħal dawk inklużi fil-G20, jirrelata mal-metodi globali b'livell baxx ta' karbonju.

Hekk kif il-pajjiżi qed jippreparaw għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti nazzjonalment tagħhom imwiegħda taħt il-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll l-allinjament tal-politika bil-miri tal-iżvilupp sostenibbli, it-titjib tal-ħiliet tal-immudellar f'pajjiżhom isir imperattiv għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp. Dan huwa rilevanti ħafna ukoll għall-preparazzjoni għall-iżvilupp ta' strateġiji ta' nofs is-seklu kif mistenni taħt il-Ftehim ta' Pariġi.

L-oġġettivi ewlenin tal-kuntratt huma:

i) li jippermetti dawk li jieħdu sehem minn pajjiżi li qed jiżviluppaw (inkluż ekonomiji emerġenti b'mod mgħaġġel fil-G20) biex itejbu l-għodod għall-valutazzjoni ta' politiki u strateġiji li jtaffu l-impatt fil-pajjiżi tagħhom. Dan għandu jinkludi titjib bħal riflessjoni aħjar taċ-ċirkustanzi nazzjonali f'dawn il-mudelli li jtaffu l-impatt; u ħila aħjar għal inter-konnessjonijiet tal-mudell bejn is-settur tal-enerġija, l-agrikoltura, l-użu tal-art, setturi li jarmu gassijiet tas-serra oħra. Dan mgħandux il-bżonn li jkun limitat għall-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima imma jista' jindirizza ukoll l-interazzjonijiet tiegħu ma' miri oħra li qed jiżviluppaw. Dan għandu jtejjeb l-abbiltajiet ta' dawk li qegħdin jieħdu sehem biex iwettqu mmudellar b'appoġġ tal-politiki u l-miri tal-pajjiżi tagħhom dwar il-klima, b'mod partikolari dawk irrelatati mal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' kontribuzzjonijiet iddeterminati fuq livell nazzjonali u strateġiji ta' nofs is-seklu taħt il-Ftehim ta' Pariġi.

ii) biex jivvaluta l-potenzjal għal, u l-progress fil-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima globali u l-metodi b'livell baxx ta' emissjonijiet globali, jinkorpora r-riżultati minn timijiet nazzjonali tal-immudellar. Il-proġett

għalhekk għandu jippermetti parteċipanti mhux biss mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, imma ukoll minn pajjiżi oħra tal-G20 li jibdlu kompetenzi u riżultati rigward l-għodod tal-immudellar fuq livell nazzjonali u kif il-valutazzjonijiet tagħhom jirrelataw ma' xenarji globali ta' metodi b'livell baxx ta' karbonju. Dan għandu jinkludi timijiet b'kompetenza fil-mitigazzjoni tal-bidla fil-klima, projezzjonijiet tal-immudellar fuq skala globali. B'żieda għall-immudellar imwettaq mill-kuntrattur, il-proġett se jagħmel użu wkoll ta' provi tal-immudellar globali u tal-UE ipprovduti miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, fejn xieraq. Ix-xogħol tal-immudellar taħt dan il-kuntratt se jkun immexxi minn kumitat ta' tmexxija li jikkonsisti minn rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea.

8. In-numru u l-ismijiet tal-lottijiet:

Le, lott 1 biss.

9. L-ogħla baġit:

EUR 1 550 000.

10. Għan għal servizzi addizzjonali

Il-kundizzjonijiet għas-sehem

11. L-eliġibbiltà:

Jistgħu jieħdu sehem indaqs il-persuni kollha legali (li qegħdin jieħdu sehem individwalment jew fi grupp — konsorzju — ta' dawk li jitfgħu l-offerti) li huma mwaqqfa fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew f'pajjiż jew f'territorju tar-reġjuni li jaqa' taħt u/jew huwa awtorizzat mill-istrumenti speċifiċi li japplikaw għall-programm li jffinanzja l-kuntratt (ara punt 29 ta' hawn taħt). Jistgħu jieħdu sehem ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali. Is-sehem ta' persuni naturali hu mmexxi b'mod dirett mill-istrumenti speċifiċi li jgħoddu għall-programm li taħtu huwa ffinanzjat il-kuntratt.

Is-sehem huwa estiż ukoll għall-persuni naturali kollha li huma ċittadini ta', jew persuni legali li huma mwaqqfa f'pajjiż tal-G20 (għal dan il-proġett, huma ikkunsidrati dawk mhux membri tal-UE tal-G20, l-Afrika t'Isfel, l-Arabja Sawdija, l-Arġentina, l-Awstralja, il-Brażil, iċ-Ċina, il-Ġappun, l-Indja, l-Indoneżja, l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, il-Korea t'Isfel, il-Messiku, ir-Russja, it-Turkija. Il-membri kollha tal-G20 huma eliġibbli biex jieħdu sehem, madankollu kandidati mill-Arabja Sawdija, l-Awstralja, il-Ġappun, l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kanada, il-Korea t'Isfel, ir-Russja jistgħu jieħdu sehem bħala msieħba f'konsorzju, mhux bħala mexxejja tal-konsorzju.)

12. Il-kandidatura:

Jistgħu japplikaw il-persuni naturali u legali kollha li jikkwalifikaw (skont il-punt 11 hawn fuq) jew gruppi ta' dawn il-persuni (konsorzji).

Konsorzju jista' jkun grupp permanenti mwaqqaf legalment jew grupp li twaqqaf b'mod informali għal xi proċedura speċifika tas-sejħa għall-offerti. Il-membri kollha ta' konsorzju (i.e., il-kap u l-membri l-oħra kollha) huma responsabbli flimkien u individwalment lejn l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt.

Jekk tiegħu sehem persuna naturali jew legali li ma tikkwalifikax (skont punt 11) dan iwassal biex dik il-persuna titkeċċa fil-pront. B'mod partikulari, jekk dik il-persuna li ma tikkwalifikax hija parti minn konsorzju, se jitwarrab il-konsorzju kollu.

13. L-għadd ta' applikazzjonijiet:

Ma tistax issir iktar minn applikazzjoni 1 minn persuna naturali jew legali hu x'inhu t-tip tas-sehem tagħha (bħala entità legali individwali jew bħala kap jew membru ta' konsorzju li qiegħed iressaq applikazzjoni). F'każ li persuna naturali jew legali titfa' iktar minn applikazzjoni 1 jitwarrbu l-applikazzjonijiet kollha li dik il-persuna tkun f'adett sehem fihom.

14. Dawk li jitniżżlu fil-lista mqassra ma jistgħux jingħaqdu flimkien:

Kwalunkwe offerta li tasal mingħand dawk li jittgħu l-offerti, li tinkludi kumpaniji differenti minn dawk imsemmija fil-formoli tal-applikazzjoni mniżżla fil-lista mqassra, se titwarrab minn din il-proċedura ristretta tas-sejħa għall-offerti sakemm ma tinkisibx l-approvazzjoni minn qabel mingħand l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt (ara l-‘Gwida Prattika’ — il-PRAG 2.4.3). Il-kandidati li jitniżżlu fil-lista mqassra ma jistgħux jingħaqdu bejniethom jew jagħtu sottokuntratti lil xulxin għall-kuntratt li għandu x’jaqsam.

15. Ir-raġunijiet għat-twarrib:

Bħala parti mill-formola tal-applikazzjoni, il-kandidati għandhom jagħtu stqarrija ffirmata, inkluża fil-formola standard tal-applikazzjoni, li turi li mhumiex f’xi waħda mis-sitwazzjonijiet tat-twarrib imniżżla fit-Taqsima 2.3.3 tal-PRAG.

16. Is-sottokuntrattar:

Jista’ jsir sottokuntrattar.

17. L-għadd ta’ kandidati li se jitniżżlu fil-lista mqassra:

Fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet li jaslu, minn 4 sa 8 kandidati se jkunu mistiedna jittgħu offerti ddettaljati għal dan il-kuntratt. Jekk l-għadd ta’ kandidati eliġibbli li jilħqu l-kriterji tal-għażla huwa inqas mill-minimu ta’ 4, l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tista’ tistieden lill-kandidati li jilħqu il-kriterji għat-tfigħ tal-offerti.

Orarju proviżorju

18. Id-data proviżorja tal-istedina għall-offerti:

15.7.2017.

19. Id-data proviżorja ta’ meta għandu jibda l-kuntratt:

1.11.2017.

20. Il-perijodu tal-bidu għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet:

30 xahar.

Il-kriterji tal-għażla u tal-għoti

21. Il-kriterji tal-għażla:

L-istess kriterji għal persuni legali u naturali.

Il-kriterji tal-għażla li ġejjin se jkunu jgħoddu għall-kandidati. Fil-każ li l-applikazzjonijiet jintefgħu minn konsorzju, dawn il-kriterji tal-għażla se japplikaw għall-konsorzju kollu, dejjem jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kriterji tal-għażla mhux se jgħoddu għall-persuni naturali u l-kumpaniji b’membru wieħed meta huma sottokuntratturi:

1) Il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-kandidat (imsejsa fuq it-3 punt tal-formola tal-applikazzjoni). F’każ li l-kandidat ikun korp pubbliku, għandu jiġi pprovdut tagħrif ekwivalenti. Il-perijodu ta’ referenza li se jiġi kkunsidrat se jkun l-aħħar 3 snin li għalihom il-kontijiet ingħalqu:

- id-dħul medju fis-sena tal-kandidat irid jaqbeż l-ogħla baġit fis-sena tal-kuntratt (i.e. l-ogħla baġit mniżżel fl-avviż tal-ksib maqsum bit-tul inizjali tal-kuntratt fi snin, jekk dan jaqbeż sena (1) waħda).

2) Il-ħila professjonali tal-kandidat (imsejsa fuq ir-4 u l-5 punt tal-formola tal-applikazzjoni). Il-perijodu ta’ referenza li se jitqies se jkun dawn l-aħħar 5 snin mid-data tal-għeluq għat-tfigħ tal-offerti:

Il-kriterji għall-persuni legali u naturali:

1. mill-inqas 15-il membru tal-persunal fl-organizzazzjonijiet tal-kandidat għandhom esperjenza ta’ mill-inqas sentejn (2) fil-qasam tal-immudellar ekonomiku ta’ tbassir tal-emissjonijiet tal-GS u politiki biex jittaffew. L-esperjenza rilevanti hi magħmula minn: il-manutenzjoni, l-iżvilupp u l-użu tal-mudell biex

titħejja analiżi bbażata fuq mudell għal skopijiet xjentifiċi u/jew biex tingħata informazzjoni għall-proċessi tat-tfassil tal-politika, u din tista' tintwera permezz ta':

- kontribuzzjoni attiva f'laqgħat ta' ħidma u diskussjoni/konferenzi u proġetti tat-trawwim tal-ħila rrelatati mal-valutazzjoni tal-mitgazzjoni tal-bidla fil-klima bl-użu ta' mudelli għall-valutazzjoni ekonomika. Ngħidu aħna l-laqgħat annwali tal-konsorzju tal-immudellar tal-valutazzjoni integrata; u t-trawwim tal-ħila ta' proġetti ffukati fuq l-iżvilupp ta' mudell biex jappoġġja l-iżvilupp ta' politiki biex jittaffa l-impatt. Eżempji ta' tali proġetti jinkludu proġetti ta' riċerka internazzjonali kollaborattivi appoġġjati taħt il-programm l-Orizzont tal-UE tal-2020, u/jew
- ikun awtur jew ikkontribwixxa għal pubblikazzjonijiet ewlenin ta' rilevanza għal proċessi internazzjonali jew nazzjonali tal-iżvilupp tal-politika. Eżempji internazzjonali jinkludu r-rapport tal-UNEP Titnaqqas id-Differenza fl-Emissjonijiet (UNEP Emissions Gap) u r-rapport li jintraċċa Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd. Eżempji ta' pubblikazzjonijiet nazzjonali għandhom jinvolvu analiżi kwantitattiva jew tal-politika li tinforma l-pjanijiet nazzjonali biex jittaffa l-impatt, strateġiji ta' żvilupp li jipproduċu livell baxx ta' karbonju, komunikati nazzjonali lill-UNFCCC jew oqsfa leġislattivi nazzjonali li jirregolaw l-emissjonijiet tal-GS;

2. mill-inqas 4 membri tal-persunal bħalissa qegħdin jaħdmu għall-kandidat u huma mniżżla ukoll bħala l-awtur jew l-editor tar-reviżjoni f'rabta mal-grupp III tax-xogħol għall-5^{es} rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC (Involvement bħala grupp III tax-xogħol jew reviżjoni editorjali għas-6^t rapport ta' valutazzjoni (AR6) se jkun ikkunsidrat bħala evidenza xierqa għal dan il-kriterju. Madankollu, il-proċess tal-għażla tal-AR6 x'aktarx se jseħħ wara t-tfiġh tal-offerti għal dan il-kuntratt). Għal-lista, ara: https://www.ipcc.ch/pdf/ar5/ar5_authors_review_editors_updated.pdf

3. mill-inqas membru tal-persunal 1 tal-kandidat għandu l-kwalifiki li ġejjin bħala mexxej tat-tim: il-kwalifiki u l-ħiliet:

- mill-inqas 5 snin ta' esperjenza professjonali fil-qasam tal-azzjoni tal-klima u biex jittaffa l-impatt tal-gass tas-serra (kif ippruvat minn lista ta' kollaborazzjonijiet, laqgħat ta' ħidma u diskussjoni jew kontribuzzjonijiet għal dibattiti dwar il-politika tal-klima matul dan il-perijodu),

- ħakma tajba tal-Ingliż miktub u mitkellem; preferibbilment ħila biex jaħdem f'lingwi oħra tal-pajjiżi benefiċjarji biex jiggwida l-attivitajiet tal-proġett; il-ħila meħtieġa biex jivvjaġġa lejn il-pajjiżi benefiċjarji; esperjenza professjonali ġenerali:

- ħila li tista' tintwera biex jimmaniġġja b'mod effettiv proġett li jinkludi l-użu ta' għodod tal-immudellar ekonomiku bil-għan li jinforma l-proċessi li jagħmlu l-politika, li għandhom jiġu ppruvati bl-esperjenza b'mill-inqas 2, u preferibbilment aktar proġetti, b'valur minimu ta' EUR 300 000, fi żmien l-aħħar 5 snin,

- ħila li tista' tintwera biex jimmaniġġja b'mod effiċjenti proġett li jinvolvi kontropartijiet multipli/timijiet, inkluż minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, li għandha tiġi ippruvata bl-esperjenza f'mill-inqas 1, u

- preferibbilment aktar proġetti, li jinvolvu tim ta' mill-inqas 5 membri, fi żmien dawn l-aħħar 5 snin,

- ħila li tista' tintwera biex jikkomunika f'termini mhux tekniċi r-riżultati tal-immudellar ekonomiku lill-dawk li jagħmlu l-politika li għandhom jintwerew permezz ta' lista ta' kollaborazzjonijiet riċenti, laqgħat ta' ħidma u diskussjoni, preżentazzjonijiet jew kontribuzzjonijiet għal dibattiti tal-politika dwar il-klima ma' pajjiżi msieħba;

esperjenza professjonali speċifika:

- għarfien ta' u familjarità ma' enerġija u gass tas-serra (preferibbilment jinkludi ukoll il-politiki dwar l-użu tal-art, l-agrikoltura u t-tniġġis tal-arja) fi skala internazzjonali u preferibbilment ukoll f'aktar minn pajjiż benefiċjarju 1 li jkunu ppruvati minn selezzjoni ta' ftit proġetti riċenti, pubblikazzjonijiet jew preżentazzjonijiet li juru fehim tajjeb u strateġiku tad-dibattiti tal-politika dwar il-klima fil-livelli globali u tar-reġjuni, u tal-interessi speċifiċi tal-pajjiżi benefiċjarji,

- esperjenza li tista' tintwera fit-trawwim tal-ħila fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, fir-rigward ta' kwalunkwe minn dan li ġej (kif ippruvat minn lista ta' proġetti riċenti ta' dan it-tip, u referenza qasira tar-responsabbiltà fil-proġett):

- analiżi bbażata fuq il-mudell ta' azzjonijiet biex jittaffa l-impatt tal-klima, u/jew

- il-monitoraġġ, ir-rappurtaġġ u l-valutazzjoni tal-livelli ta' emissjonijiet tal-GS,
- l-iżvilupp ta' politiki u miżuri dwar it-tnaqqis tal-impatt tal-klima, l-azzjonijiet biex jittaffa l-impatt nazzjonali u l-impenji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass tas-serra;
- 4. mill-inqas membru tal-persunal 1 tal-kandidat għandu l-kwalifiki li ġejjin bħala mudellatur espert: il-kwalifiki u l-ħiliet:
 - mill-inqas 5 snin ta' esperjenza fil-manutenzjoni, l-iżvilupp u l-użu ta' mudell ekonomiku globali jew reġjonali li jista' jintuża biex jivvaluta l-politiki biex jittaffa l-impatt tal-klima (mill-inqas irrelatat mal-emissjonijiet tal-enerġija imma preferibbilment jinkludi ukoll setturi u emissjonijiet oħra bħall-użu tal-art u l-agrikoltura) li se jintuża fil-proġett u huwa kapaċi biex jipprepara l-analiżi bbażata fuq il-mudell għall-għanijiet xjentifiċi u biex jiġi infurmati dawk li jagħmlu l-politika.
- L-espert jista' juri din l-esperjenza billi jniżżel:
 - mill-inqas żewġ (2) pubblikazzjonijiet xjentifiċi studjati minn esperti rrelatati ma' dan il-mudell tax-xogħol,
 - deskrizzjoni qasira ta' mill-inqas proġett ta' riċerka 1 li jinvolvi d-disinn jew l-użu ta' tali mudelli, u l-kontribuzzjoni tal-persunal tiegħu għal dan il-proġett,
 - ħakma tajba tal-Ingliż miktub u mitkellem; preferibbilment ħila biex jaħdem bil-lingwi tal-pajjiżi benefiċjarji; il-ħila meħtieġa biex jivvjaġġa lejn il-pajjiżi benefiċjarji; esperjenza professjonali:
 - ħila li tista' tintwera biex jinteraġixxi ma' mudellaturi oħra sabiex ikun hemm bdil ta' informazzjoni u l-aħjar Prattika sabiex titjib il-ħila tal-immudellar irrelatata mal-tnaqqis tal-impatt fil-bidla tal-klima, ippruvata mill-esperjenza b'mill-inqas 2, u preferibbilment aktar proġetti, fi żmien l-aħħar 5 snin, preferibbilment inklużi timijiet tal-immudellar mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
 - ħila li tista' tintwera li jittraduċi riżultat tal-immudellar f'rakkomandazzjonijiet għal dawk li jagħmlu l-politika, preferibbilment inkluż rakkomandazzjonijiet irrelatati mal-pajjiżi benefiċjarji li qed jiżviluppaw, murija permezz ta' pubblikazzjonijiet irrelatati (abbozz) għal pjanijiet għat-tnaqqis tal-impatt reġjonali jew nazzjonali, strateġiji tal-iżvilupp b'livell baxx ta' karbonju, komunikazzjonijiet nazzjonali lill-UNFCCC jew oqsfa leġislattivi nazzjonali li jirregolaw l-emissjonijiet tal-GS.
- 3) Il-ħila teknika tal-kandidat (ibbażata fuq il-5 u s-6 punt tal-formola tal-applikazzjoni). Il-perijodu ta' referenza li se jitqies se jkun dawn l-aħħar 5 snin mid-data tal-għeluq għat-tfiġh tal-offerti:
 - Il-kriterji għall-persuni legali u naturali:
 - (a) il-kandidat għandu l-ħila, permezz tal-immudellar ekonomiku, li jbassar emissjonijiet globali tal-gass tas-serra. Dan għandu jinkludi mhux biss l-emissjonijiet CO₂ mis-settur tal-enerġija, iżda ukoll emissjonijiet globali tal-GS minn sorsi u setturi oħra. Il-kandidat għandu l-ħila li janalizza l-potenzjal li jittaffew l-impatt u l-miżuri politiċi biex jittaffa l-impatt f'reġjuni u setturi differenti, u l-isfidi u l-opportunitajiet ekonomiċi li għandhom x'jaqsmu (e.g. iċ-ċirkulazzjonijiet tal-investiment f'setturi ewlenin tal-ekonomija, l-effetti makroekonomiċi).
 - Il-ħila tista' tintwera billi ssir referenza għal mill-inqas żewġ (2) pubblikazzjonijiet xjentifiċi jew dokumentazzjoni teknika oħra dwar l-iżvilupp jew permezz ta' metodi ta' mmudellar ekonomiku dwar il-klima li jibda minn isfel għal fuq jew minn fuq għal isfel, li jinkludi mmudellar ekonometriku, ekwilibriju ġenerali, ekwilibriju parzjali jew immudellar integrat tal-valutazzjoni;
 - (b) il-kandidat għandu l-ħila li juża għadd ta' għodod tal-immudellar li huma speċifiċi għall-pajjiż (għal dan il-kriterju, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jitqiesu li huma pajjiż 1) li jbassru emissjonijiet nazzjonali tal-gass tas-serra u jippermettu li ssir valutazzjoni tal-potenzjal li jittaffa l-impatt u tal-miżuri politiċi biex jittaffa l-impatt f'dawk il-pajjiżi, u l-isfidi u l-opportunitajiet ekonomiċi marbuta magħhom (e.g. iċ-ċirkulazzjonijiet tal-investiment f'setturi ewlenin tal-ekonomija, effetti makroekonomiċi). Dawn l-għodod tal-immudellar li huma speċifiċi għall-pajjiż jimxu mal-kriterji addizzjonali li ġejjin:
 - i. il-manutenzjoni tal-għodod tal-immudellar li huma speċifiċi għall-pajjiż issir mill-pajjiż innifsu;
 - ii. il-mudelli li huma speċifiċi għall-pajjiż jistgħu jinkludu pajjiżi jew reġjuni oħra, iżda għandha ssir enfasi fuq pajjiż speċifiku 1 fi ħdan il-mudell (dan ma jistax ikun reġjun ħlief għall-UE);

iii. għodda tal-immudellar li tkun speċifika għall-pajjiż għandha tkopri l-emissjonijiet CO₂ mis-sistema tal-enerġija, u preferibbilment tinkludi l-gassijiet u s-setturi addizzjonali;

iv. l-ammont ta' emissjonijiet tal-pajjiżi mhux tal-UE koperti mill-mudelli nazzjonali għandu jirrappreżenta mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet globali (https://unfccc.int/files/ghg_data/application/pdf/table.pdf).

Il-ħila tista' tintwera billi wieħed jiddeskrivi l-arranġamenti għall-aċċess ta' kompetenza lokali fl-immudellar u għal informazzjoni kwantitattiva rilevanti, u l-arranġamenti biex tkun żviluppata u titrawwem il-ħila fil-pajjiżi benefiċjarji biex tkompli titwettaq aktar analiżi kwantitattiva. Hu rilevanti li wieħed jirreferi u jkompli jibni fuq l-esperjenzi tat-trawwim tal-ħila u tal-qsim tal-għarfien għaddejjin bħalissa u ta' qabel mal-pajjiżi benefiċjarji;

(ċ) il-kandidat ipprova servizzi f'mill-inqas kuntratt 1 dwar l-iżvilupp ta' strateġiji ta' żvilupp li jipproduċi livell baxx ta' emissjonijiet fil-livell tal-pajjiż jew f'ambjent multilaterali. Il-ħila tista' tintwera billi ssir referenza għal mill-inqas żewġ (2) pubblikazzjonijiet xjentifiċi jew kontribuzzjonijiet għal dokumenti rilevanti tal-politika jew proġetti.

M'għandhiex tintuża esperjenza miksuba qabel bħala referenza jekk din wasslet biex jinkisru t-termini tal-kuntratt u biex il-kuntratt jintemm mill-awtorità li ħarġet il-kuntratt.

Operatur ekonomiku jista', fejn huwa xieraq u għal kuntratt partikolari, iserraħ fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħrajn, mingħajr ma titqies in-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom. F'dak il-każ għandu jagħti prova lill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt li se jkollu f'idejh ir-riżorsi meħtieġa biex iwettaq il-kuntratt, pereżempju, billi jagħti garanzija li turi li dawk l-entitajiet se jgħaddulu r-riżorsi tagħhom. Dawn l-entitajiet, ngħidu aħna l-kumpanija ewlenija tal-operatur ekonomiku, għandhom iħarsu l-istess regoli tal-eliġibbiltà — l-iktar dawk tan-nazzjonalità — u jridu jilħqu l-istess kriterji tal-għażla rilevanti bħal tal-operatur ekonomiku. Fir-rigward tal-kriterji tekniċi u professjonali, operatur ekonomiku jista' jistrieħ biss fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħra fejn dawn tal-aħħar se jwettqu x-xogħlijiet jew is-servizzi li għalihom dawn il-ħiliet huma meħtieġa. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi u finanzjarji, l-entitajiet li fuq il-ħiliet tagħhom se jistrieħ dak li jitfa' l-offerta, se jsiru flimkien u individwalment responsabbli għat-twettiq tal-kuntratt.

Jekk ikun hemm iktar minn 8 kandidati li jilħqu l-kriterji tal-għażla msemmija hawn fuq, il-ħiliet u n-nuqqasijiet relattivi tal-applikazzjonijiet ta' dawn il-kandidati se jingħarblu mill-ġdid biex jintgħażlu l-aqwa 8 kandidati. Il-fattur waħdani li jiġi kkunsidrat matul dan l-eżami mill-ġdid huwa:

- l-akbar sehem tal-emissjonijiet globali tal-gass tas-serra fil-kriterju 21.3)(b).iv, t'hawn fuq.

22. Il-kriterji tal-għoti:

L-aħjar proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità.

L-applikazzjoni

23. Id-data tal-għeluq għall-wasla tal-applikazzjonijiet:

nhar l-1.6.2017 (fl-16:00), Ħin tal-Ewropa Ċentrali.

Kwalunkwe applikazzjoni li tasal għand l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt wara din id-data tal-għeluq mhix se titqies.

24. L-għamla tal-applikazzjoni u d-dettalji li għandhom jingħataw:

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu billi tintuża l-formola standard tal-applikazzjoni, li l-għamla u l-istruzzjonijiet tagħha jridu jitħarsu bir-reqqa. Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb minn fuq l-Internet fl-indirizz li ġej:

<http://ec.europa.eu/europeaid/prag/annexes.do?chapterTitleCode=B>

L-applikazzjoni jrid ikun fiha stqarrija fuq l-unur dwar il-kriterji tat-twarrib u l-għażla, bl-użu tal-mudell li jista' jinstab fl-indirizz tal-Internet li ġej:

<http://ec.europa.eu/europeaid/prag/annexes.do?chapterTitleCode=A>

Kull dokumentazzjoni addizzjonali (fuljett, ittra, eċċ.) mibgħuta mal-applikazzjoni mhix se titqies.

25. Kif għandhom jintbagħtu l-applikazzjonijiet:

L-applikazzjonijiet għandhom isiru bl-Ingliż u jintbagħtu biss lill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt f'envelopp issiġillat:

- jew permezz ta' posta rreġistrata (servizz uffiċjali tal-posta) lil:

DG Climate Action, unit CLIMA.C.1, BU 24 03/03, avenue de Beaulieu 24, 1160 Brussels, IL-BELĠJU.

F'dan il-każ, ir-rekord tal-kunsinna hu l-prova tal-qbil mal-limitu taż-żmien għall-wasla,

- jew imwassla bl-idejn (inklużi s-servizzi ta' kurrier) dritt lill-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt u li għaliha tingħata rċevuta ffirmata u bid-data lil:

Għall-proċeduri ċentralizzati tas-sejthiet għall-offerti:

DG Climate Action, unit CLIMA.C.1, BU 24 03/03, avenue de Beaulieu 24, 1160 Brussels, IL-BELĠJU.

F'dan il-każ, l-għarfien tal-wasla hu l-prova tal-qbil mal-limitu taż-żmien għall-wasla.

L-isem tal-kuntratt u r-referenza tal-pubblikazzjoni (ara punt 1 hawn fuq) għandhom jitniżżlu b'mod ċar fuq l-envelopp li jkun fih l-applikazzjoni u dejjem għandhom jissemmew fil-korrispondenza kollha li ssir wara mal-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt.

L-applikazzjonijiet mibgħuta b'mezzi oħra ma jkunux ikkunsidrati.

Meta jitfgħu applikazzjoni l-kandidati jaqblu li jirċievu avviż dwar ir-riżultat tal-proċedura permezz ta' mezzi elettroniċi. Dan l-avviż għandu jkun meqjus li wasal fid-data li fiha l-awtorità li qiegħda toħroġ il-kuntratt tibagħtu lill-indirizz elettroniku msemmi fl-applikazzjoni.

26. Tibdil jew tneħħija tal-applikazzjonijiet:

Il-kandidati jistgħu jbiddu jew jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom billi javżaw bil-miktub qabel id-data tal-għeluq għat-tfiġh tal-applikazzjonijiet. L-ebda applikazzjoni ma tista' tinbidel wara din id-data tal-għeluq.

Kull avviż dwar xi tibdil jew irtirar tal-applikazzjoni għandu jitthejja u jintbagħat skont punt 25. Fuq l-envelopp ta' barra (u, jekk jintuża, l-envelopp ta' ġewwa li jkollu x'jaqsam) għandhom jitniżżlu 'Alteration' jew 'Withdrawal' kif xieraq.

27. L-ilsien użat:

Il-komunikazzjoni kollha bil-miktub għal din il-proċedura tas-sejtha għall-offerti u l-kuntratt trid tkun bl-Ingliż.

28. Id-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż ta' tagħrif minn qabel:

17.2.2017.

EuropeAid/138749/DH/SER/MULTI.

29. Il-bażi legali:

Ir-Regolament (UE) Nru 236/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.3.2014 li jqiegħed fis-seħħ regoli u proċeduri komuni għall-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni għall-iffinanzjar tal-azzjoni esterna u r-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11.3.2014 li jwaqqaf strument finanzjarju għall-kooperazzjoni fl-iżvilupp għall-perijodu bejn l-2014 u l-2020.

30. Tagħrif addizzjonali:

Dan il-kuntratt hu kuntratt bi prezz globali, iżda parti mdaqqa tal-baġit teħtieġ li tkun iddedikata għall-organizzazzjoni tal-laqqgħat ta' diskussjoni u fidma għal dawk li jfasslu l-mudelli biex jittestjaw u jitqabblu l-mudelli u r-riżultati u biex tingħata informazzjoni lil dawk li jfasslu l-politika. B'hekk, parti mit-termini ta' referenza se tbassar li se jsiru nefqiet inċidentali li jkopru l-organizzazzjoni ta' dawn il-laqqgħat ta' diskussjoni u fidma, inklużi l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-għajxien.